MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 70/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Geraldine PEARSON**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin euro u disghin centezmi ta' euro (€642.90) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin euro u disghin centezmu (€642.90), skont il-prospett hawn anness u markat dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, numru tal-kont A/C 40100196, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mill-25 ta' Gunju, 2009, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta' Gunju, 2012, nhar il-25 ta' Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin euro u disghin centezmi ta' euro (€642.90), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------